PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2008/0140(CNS)

22.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Rapporteur għal opinjoni(*): Elizabeth Lynne

(*) Kumitat Assoċjat – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F'Mejju 2008, il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħi dwar il-progress li sar dwar l-opportunitajiet ugwali u n-nondiskriminazzjoni fl-UE (it-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE). B'dan, il-Parlament fakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha li tressaq direttiva komprensiva antidiskriminatorja sabiex tagħmel illegali d-diskriminazzjoni barra mix-xogħol għal raġunijiet ta' diżabiltà, età, reliġjon jew twemmin u orjentazzjoni sesswali, sabiex ma jkun hemm xejn nieqes fil-pakkett tal-leġiżlazzjoni dwar l-antidiskriminazzjoni skont l-Artikolu 13 tat-Trattat KE kif previst fil-programm ta' ħidma tagħha tal-2008. Ir-Razza u l-Ġeneru diġà ġew koperti mid-Direttiva dwar ir-Razza u d-Direttiva dwar il-Ġeneru, u nixtiequ li din id-direttiva tiġi konformi ma' dawk.

Ħafna mill-kwistjonijiet imqajma mill-proposta tal-Kummissjoni Ewropea jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, u bosta huma ta' kompetenza maqsuma bejn il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

L-oqsma speċifiċi koperti esklussivament mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali huma l-protezzjoni soċjali, inkluża s-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa kif ukoll il-vantaġġi soċjali.

Hemm kompetenza maqsuma fir-rigward ta' ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà, ta' aċċess għal prodotti u servizzi, u l-forniment tagħhom, li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni, id-diskriminazzjoni fil-provediment ta' servizzi finanzjarji abbażi ta' età u diżabiltà, id-differenzi fit-trattament abbażi ta' età, kif ukoll tat-trattament ugwali ta' persuni b'diżabbiltà u tad-djalogu mal-partijiet interessati rilevanti.

Il-proposta għal Direttiva tibni fuq id-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE and 2004/113/KE li jfisser li d-direttiva hija konsistenti mal-objettivi orizzontali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari mal-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi u mal-objettivi tal-Proċess tal-UE għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali. Il-proposta tirreferi għal kunċetti użati fid-Direttivi eżistenti li n-nies huma familjari magħhom.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat assoċjat, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Din id-Direttiva hija mezz wieħed li bih il-Komunità Ewropea qiegħda tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u għandha tiġi interpretata f'dak id-dawl.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tiċċara r-rabta bejn l-obbligi adottati mill-Unjoni u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u din id-direttiva proposta.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Skont l-Artikolu 5 tad-Dikjarazzjoni Politika li ntlaħaq qbil fuqha mal-konklużjoni tal-Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ix-Xjuħija f'Madrid 2002 sar qbil li għandu jiġi affermat mill-ġdid l-impenn li ma jinħela ebda sforz fl-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż id-diskriminazzjoni minħabba l-età; li jiġi rikonoxxut li l-persuni, hekk kif jibdew jikbru fl-età, għandhom igawdu ħajja ta' sodisfazzjon, saħħa, sigurtà u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali u politika tas-soċjetajiet tagħhom; li jitjieb ir-rikonoxximent tad-dinjità ta' persuni akbar fl-età; u li jiġu eliminati l-forom kollha ta' negliġenza, abbuż u vjolenza.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa ttenni d-dikjarazzjoni tan-NU li jiġu indirizzati l-forom kollha ta'

diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni minħabba l-età.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ta' diversità.	(4) (4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza tad-diskriminazzjoni***, inkluża d-diskriminazzjoni multipla,*** iżda wkoll il-benefiċċji tad-diversità.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) (9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali ***jew fuq kombinazzjoni ta' raġunijiet*** fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija konsistenti mal-aħħar emenda proposta rigward id-diskriminazzjoni multipla.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Persuni b'diżabilità jinkludu lil dawk li għandhom indebolimenti fiżiċi, mentali, intelletwali jew marbuta mas-sensi għal żmien twil, li f'interazzjoni ma' barrieri ambjentali jew ta' attitudni jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali mal-oħrajn.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 9 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Aċċess effettiv mhux diskriminatorju jista' jiġi pprovdut permezz ta' firxa ta' mezzi, inkluż permezz ta' 'disinn għal kulħadd' u permezz tal-iffaċilitar tal-użu ta' tagħmir ta' assistenza minn persuni b'diżabilità, fosthom apparat li jservi ta' għajnuna għall-mobilità u l-aċċess, bħal klieb rikonoxxuti li jservu ta' gwida u klieb oħrajn ta' assistenza.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 9 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) Persuni b'diżabiltajiet ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni f'forma ta' trasport pubbliku jew ambjent mibni inaċċessibbli, kif ukoll ta' komunikazzjonijiet u informazzjoni inaċċessibbli. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw l-aċċessibiltà f'dawn l-oqsma sabiex jimplimentaw il-

prinċipju ta' trattatment ugwali.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 9 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9d) Aċċess effettiv mhux diskriminatorju jinvolvi l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakoli u barrieri, kemm ta' attitudni kif ukoll dawk ambjentali, u l-prevenzjoni ta' ostakoli u barrieri ġodda li jfixklu l-aċċess ta' persuni b'diżabiltà, għal prodotti, servizzi u faċilitajiet disponibbli għall-pubbliku ġenerali, irrispettivament min-natura tal-ostakolu, tal-barriera jew tad-diżabiltà. Skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u minkejja l-miżuri magħżula għat-tneħħija tal-ostakoli jew barrieri, l-aċċess għall-persuni b'diżabiltà għandu kemm jista' jkun jingħata bl-istess termini u kondizzjonijiet bħal dak għall-persuni mingħajr diżabiltà. Meta ma jkunx jista' jingħata aċċess bl-istess termini u kondizzjonijiet, u skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandha tinstab alternattiva sinifikanti sabiex ikun żgurat l-aċċess.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) B'diskriminazzjoni huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli.	(12) Diskriminazzjoni huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, ***diskriminazzjoni multipla,*** fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Id-diskriminazzjoni tista' sseħħ minħabba li persuna għandha reliġjon, twemmin, diżabiltà, età jew orjentazzjoni sesswali partikulari, jew kombinazzjoni ta' dawn u minħabba li persuna hija maħsuba li għandha, jew li tassoċja, jew li hi maħsuba li tassoċja, ma' persuna li għandha reliġjon, diżabiltà, età, jew orjentazzjoni sesswal partikularii.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Fl-***implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali ***irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali***, il-Komunità għandha, *skond* l-***Artikolu*** 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza ***bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi*** *ta'* diskriminazzjoni multipla.	(13) ***Minħabba li d-diskriminazzjoni tista' sseħħ għal għadd ta' raġunijiet, fl-*** implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, il-Komunità għandha, *skont* l-***Artikoli*** 3(2) ***u 13*** tat-Trattat tal-KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi ***relatati ma' sess, razza jew oriġini etnika, diżabilità, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin jew età, jew kombinazzjoni ta' dawn,*** u li tippromwovi ugwaljanza, ***tkun xi tkun il-kombinazzjoni tal-karatteristiċi relatati ma' sess, razza jew oriġini etnika, diżabilità, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin jew età, li jista' jkollha persuna***. ***Meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu l-problema*** *tad*-diskriminazzjoni multipla.

Ġustifikazzjoni

Din testendi l-premessa 13 attwali li tirreferi għal diskriminazzjoni multipla esperjenzata min-nisa sabiex tkopri r-raġunijiet kollha inklużi fl-Artikolu 13.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw *fl*-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fejn il-fatturi jkunu jidhru li huma fatturi ewlenin għall-evalwazzjoni tar-riskju.	(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw *fil*-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn għandhom ***jirriflettu l-bidliet pożittivi fil-medja tal-għomor tal-ħajja u tax-xjuħija attiva, kif ukoll iż-żieda fil-mobilità u l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità, u mhux joperaw bħala*** diskriminazzjoni ***komprensiva għal dawn ir-raġunijiet***. ***L-***evalwazzjoni tar-riskju ***mill-fornitur sas-servizzi għandha tiġġustifika b'mod konklussiv sejba ta' riskji ferm ogħla, bl-użu ta' dejta attwarjali jew statistika ppubblikata li tkun riċenti, aġġornata regolamrment u preċiża***.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira li tirrestringi l-possibilità ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għal servizzi finanzjarji billi jiġi assigurat li d-dejta kollha użata f'dan il-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tkun trasparenti, awtorevoli u aġġornata, u li tirrikjedi l-oġġettività mill-forniturи tas-servizzi sabiex jintwera dan.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma	(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma

tippreġudikax is-sitwazzjoni skond liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. Miżuri li jippermettu li persuni b'*diżabilitajiet ikollhom* aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw ***l-*** aċċess. Fl-ebda każ m'hemm bżonn ta' miżuri li jimponu piż sproporzjonat. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, *għandhom jitqiesu* ***għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura ta' l-organizzazzjoni***. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'*Diżabilitajiet*.

tippreġudikax is-sitwazzjoni skond liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. Miżuri li jippermettu li persuni b'*diżabilità jkollhom* aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Barra minn hekk, miżuri individwali ta' akkomodazzjoni raġonevoli jistgħu jkunu meħtieġa f'xi każijiet sabiex jiżguraw aċċess. Fl-ebda każ m'hemm bżonn ta' miżuri li jimponu piż sproporzjonat. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, *għandu jitqies* ***jekk il-miżura in kwistjoni tistax ma tkunx fattibbli jew tippreżentax nuqqas ta' sikurezza u jekk ma tistax issir fattibbli u sikura permezz ta' modifika raġonevoli tar-regoli, il-politiki jew il-prattiki jew bit-tneħħija ta' ostakli arkitettoniċi, ta' komunikazzjoni jew ta' trasport jew bil-provvediment ta' għajnuniet jew servizzi awżiljarji.***
Akkomodazzjoni raġonevoli mhux neċessarjament tkun tirrikjedi bidliet strutturali sinifikanti f'binjiet li l-istruttura tagħhom hija mħarsa b'mod speċifiku taħt il-liġi nazzjonali minħabba l-valur storiku kulturali jew arkitettoniku tagħhom. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'*Diżabilità*.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'*diżabilitajiet* għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'*diżabilità* ***u tfal żgħar***, ***jew persuni li jassoċjaw ma' persuna b'diżabilità, fejn l-akkomodazzjoni hija meħtiġa sabiex dawn il-persuni jkunu jistgħu jipprovdu assistenza personali lil persuna b'diżabiltà,*** għandha titqies li tkun diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda testendi rekwiżit għal akkomodazzjoni raġjonevoli għat-tfal.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Diskriminazzjoni għandha titqies li sseħħ fejn l-eliġibilità għall-benefiċċji soċjali, kemm jekk fi flus u kemm jekk f'sura mhux finanzjarja, mogħtija minħabba diżabilità jew mard, tkun soġġetta għal kriterju ta' età speċifika.

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-benefiċċji tal-invalidità bħall-kura fl-isptarijiet jew ħlasijiet ta' flus (pensjonijiet), l-għoti ta' dawn lil nies ta' età partikolari li jkunu qegħdin ibatu, fl-istess waqt taċ-ċaħda tagħhom lil persuni oħrajn mhux ta' dik l-età, ikun jikkostitwixxi forma ċara ta' diskriminazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi*** l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni ***u għal ċerti provvisti jew servizzi***.	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, huma ġustifikati ***oġġettivament u raġonevolment*** minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak *il*-għan huma ***proporzjonati*** u meħtieġa. ***Differenzi ta' trattament bħal dawn m'għandhomx jipprekludu miżuri mmirati lejn il-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal jew lejn*** l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal ***jeddijiet,*** benefiċċji soċjali, ***servizzi finanzjarji u*** għal edukazzjoni***, bl-esklużjoni ta' benefiċċji fi flus jew f'sura mhux finanzjarja fil-każ ta' mard jew inkapaċità għax-xogħol,***

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi ***proporzjonati*** fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità *bħala*huwa fattur ***ewlieni*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' ***assigurazzjoni,*** servizzi finanzjarji ***bankarji u servizzi finanzjarji oħra għandhom jitqiesu b'mod xieraq il-medja tal-għomor tal-ħajja li qed tiżdied u l-proċess tax-xjuħija attviva, kif ukoll il-mobilità u l-aċċessibilità akbar għall-persuni b'diżabilità, u*** l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi ***proporzjonati*** fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità huwa fattur ***determinanti*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta

	preċiża attwarjali jew ta' statistika. ***Il-fornitur tas-servizzi għandu jkun jista' juri b'mod oġġettiv riskji li jkunu ferm ogħla u jiżgura li d-differenza fit-trattament hija ġġustifikata oġġettivament u raġonevolment minn għan leġittimu u li l-mezzi biex jintlaħaq dak il-għan huma xierqa u meħtieġa. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li kwalunkwe dejta li tiġi bbażata fuqha l-evalwazzjoni ta' riskju tkun ikompilata reċentement u relevanti, tkun aġġornata regolarment u ppubblikata. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u jassiguraw li d-dejta preċiża rilevanti għall-użu, relatata mal-età jew diżabilità bħala fattur attwarjali determinanti tinġabar, tiġi ppubblikata u tiġi aġġornata b'mod regolari. Dawn l-Istati Membri għandhom jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom ħames snin wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni. ***Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.***	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni ***u trasport***.

Ġustifikazzjoni

Din tiċċara l-iskop tad-direttiva li tagħmilha ċara li t-trasport huwa inkluż.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'*diżabilitajiet*:	1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'*diżabilità*, ***'diżabilità' għandha tinftiehem fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u persuni b'mard kroniku huma inklużi***:

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni ***u trasport***, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu ***tibdil*** fundamentali ***tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom***.	(a) Il-miżuri meħtieġa li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni***, it-telekomunikazzjoni, u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-informazzjoni inkluża dik ipprovduta f'formati aċċessibbli, is-servizzi finanzjarji, il-kultura u r-rikreazzjoni, il-bini miftuħ għall-pubbliku, il-mezzi ta' trasport u spazji u faċilitajiet pubbliċi oħra,*** għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa, skont il-prinċipju tat-Tfassil għal Kulħadd. ***Fejn jinqala' każ ta' diskriminazzjoni minn xi prattika, politika jew proċedura, jeħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex ma jibqax fihom dak l-effett.*** Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu ***tibdiliet*** fundamentali ***fir-rigward tan-natura tal-prodotti, servizzi, kummerċ,***

	professjoni jew negozju inkwistjoni. Bidla tkun fundamentali jekk tbiddel il-prodotti jew servizzi jew in-natura tal-kummerċ, professjoni jew negozju sal-punt li dak li jipprovdi l-prodotti jew servizzi jkun qiegħed jipprovdi b'mod effettiv tip kompletament differenti ta' prodotti jew servizzi.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Minkejja l-obbligazzjoni li jkun żgurat aċċess mhux diskriminatorju u fejn hemm bżonn f'każ partikolari, akkomodazzjoni raġonevoli għandha tkun provduta sakemm dan ma jimponix piż sproporzjonat.	***imħassar***

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, aċċess effettiv mhux diskriminatorju jinvolvi l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakoli u barrieri, kemm fl-attitudni kif ukoll fil-qasam ambjentali, u l-prevenzjoni ta' ostakoli u barrieri ġodda li jfixklu l-aċċess ta' persuni b'diżabiltà, għal prodotti, servizzi u faċilitajiet disponibbli għall-pubbliku ġenerali, irrispettivament min-natura tal-ostakolu, tal-barriera jew tad-diżabiltà. Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u irrispettivament mill-miżuri magħżula biex jiġu eliminati l-ostakoli jew il-barrieri, l-aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal persuni b'diżabilità

	għandu jiġi pprovdut taħt l-istess termini u kundizzjonijiet bħal dawk għal persuni mingħajr diżabilità kull fejn ikun possibbli, u l-użu ta' tagħmir ta' assistenza minn persuni b'diżabilità għandu jiġi ffaċilitat, inklużi għajnuniet għall-mobilità u l-aċċess, bħalma huma l-klieb gwida jew klieb oħrajn ta' assistenza kull meta jkunu meħtieġa. Fejn l-aċċess effettiv mhux diskriminatorju ma jistax jiġi pprovdut taħt l-istess termini u kundizzjonijiet, u soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan id-Direttiva, għandha tiġi pprovduta alternattiva li tkun tagħmel sens sabiex jiġi assigurat l-aċċess.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. *Sabiex* ***jiġi evalwat jekk miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-*** paragrafu 1 ***humiex se jimponu piż sproporzjonat, għandhom jitqiesu, b'mod partikolari, id-daqs u r-riżorsi ta' l-organizzazzjoni, in-natura tagħha, il-prezz estimat, il-ħajja tal-provvisti u servizzi u l-benefiċċji possibbli ta' aċċess miżjud għal persuni b'diżabilitajiet***. ***Il-***piż ma għandux ikun sproporzjonat meta huwa rimedjat biżżejjed minn miżuri eżistenti fil-qafas tal-politika ta' trattament ugwali ta' l-Istat Membru kkonċernat.	2. *Għall-għanijiet* ***tal-***paragrafu 1 ***il-***piż ma għandux ikun ***jitqies*** sproporzjonat meta huwa rimedjat biżżejjed minn miżuri eżistenti fil-qafas tal-politika ta' trattament ugwali ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara	3. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara

għad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja jew regoli nazzjonali li jkopru l-aċċessibilità ta' provvisti jew servizzi partikolari.	għad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja jew regoli nazzjonali li jkopru l-aċċessibilità ta' provvisti jew servizzi partikolari. ***Madankollu, kull fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex iħeġġu lil dawk li jipprovdu servizzi u provvisti, b'mod partikolari provvisti manifatturati, biex ifasslu soluzzjonijiet aċċessibbli, pereżempju permezz ta' prattiċi ta' akkwisti pubbliċi. Prodotti u servizzi aċċessibbli huma dawk imfasslin biex ikunu jistgħu jintużaw mill-utenti kollha.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Diskriminazzjoni Multipla
	1. Diskriminazzjoni multipla sseħħ meta ssir diskriminazzjoni ma' persuna fuq kombinazzjoni ta' tnejn jew aktar mir-raġunijiet stipulati f'din id-Direttiva.
	2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-mezzi ta' infurzar tal-obbligi taħt din id-Direttiva jkunu disponibbli għall-persuni kollha li jqisu lilhom infushom bħala vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.
	3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li fejn ikunu stabbiliti raġunijiet multipli, klejm tista' tingħeleb biss permezz ta' raġuni ta' ġustifikazzjoni jew difiża oħra li hija applikabbli għal dawk ir-raġunijiet kollha li għalihom issir il-klejm. Madankollu, jekk tiġi stabbilita raġuni waħda biss, imbagħad il-klejm tkun tista' tingħeleb permezz ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni jew difiża rilevanti għal dik ir-raġuni.

Ġustifikazzjoni

Din tintroduċi artikolu dwar id-diskriminazzjoni multipla li huwa ristrett għall-premessa 13 fit-test tal-Kummissjoni.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	Artikolu 11
Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.	Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, ***organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, knejjes, u organizzazzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u mhux denominattivi,*** li għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva ***u konsultazzjoni bħal din għandha tinkludi wkoll il-moniteraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva***.

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-involviment ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi qiegħed jiġi assigurat b'mod espliċitu biex jgħin ħalli jiġi promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, huwa bl-istess mod neċessarju li ssir referenza għall-irwol ta', minn naħa waħda, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, it-tieni, tal-knejjes u organizzazzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u mhux denominattivi biex b'hekk id-direttiva tiġi konformi ma', rispettivament, l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona.

PROĊEDURA

Titolu	Trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
Referenzi	COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 2.9.2008
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	23.10.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Elizabeth Lynne 6.10.2008
Eżami fil-kumitat	5.11.2008 2.12.2008 20.1.2009
Data tal-adozzjoni	21.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 –: 11 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Edit Bauer, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Milan Cabrnoch, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Jean Louis Cottigny, Jan Cremers, Harald Ettl, Richard Falbr, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Joel Hasse Ferreira, Roger Helmer, Stephen Hughes, Ona Juknevičienė, Jean Lambert, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin, Juan Andrés Naranjo Escobar, Csaba Őry, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Rovana Plumb, Bilyana Ilieva Raeva, Elisabeth Schroedter, José Albino Silva Peneda, Kathy Sinnott, Jean Spautz, Anne Van Lancker, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Françoise Castex, Richard Howitt, Rumiana Jeleva, Magda Kósáné Kovács, Sepp Kusstatscher, Viktória Mohácsi, Csaba Sógor, Evangelia Tzampazi, Anja Weisgerber
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Adrian Manole